MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1014/2011

**Joseph Cutajar**

**Vs**

**Francis sive Frank Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ elf sitta mija wiehed u tletin euro [€1,631] u dan wara li ppremetta hekk:

Stante illi l-konvenut kellu kuntratt mal-lukanda Excelsior sabiex jipprovdi servizz ta’ daqq ta’ muzika f’certi hinijiet u granet matul il-gimgha;

Stante illi l-konvenut inkariga lil diversi muzicisti, fosthom ir-rikorrenti, biex idoqqu u jaghtu dana s-servizz u

offrilhom hlas ta' kull darba li jdoqqu skont rati specifikati li jiddependu mill-okkazzjoni u l-gurnata u l-hin tad-daqq;

Stante illi r-rikorrenti dam idoqq f'dan l-arrangament ghal tliet cirka snin;

Stante illi l-konvenut ghal xi raguni hallas biss parti mill-flus u baqa ma hallsux ammont ekwivalenti ghal Lm700 ossija Eur 1631;

Stante illi r-rikorrenti ghamel rapport l-ghassa dwar dan quddiem l-Ispettur Ramon Mercieca u l-konvenut ammetta quddiem l-Ispettur li ghad irid ihallsu dawn l-ammonti;

Jghid ghaliex il-konvenut dan it-tribunal m'ghandux jiddikjara li l-istess konvenut ghandu jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Eur 1631 bl-ispejjez tal-prezenti;

Ra r-riferti relattivi u li permezz taghhom irrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh fis-27 ta' Dicembru, 2011.

Ra **r-risposta tal-konvenut Francis sive Frank Bonnici** imressqa fil-5 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha, l-imsemmi konvenut sostna:

i. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Fil-mertu, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

iii. Salv eccezzjonijiet ohra;

Ra l-verbal tal-10 ta' Jannar, 2012 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-2 ta' Frar, 2012;

Ra l-verbal tat-2 ta' Frar, 2012 fejn wara li xehedu l-partijiet u esebew id-dokumentazzjoni msemmija minnhom, t-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghall-prezentata

ta’ pitazz li fih l-attur kien izomm d-dati tas-servizzi ta’ daqq li kien jaghmel fl-Excelsior u ghat-trattazzjoni;

Ra l-verbal tad-9 ta’ Frar, 2012 fejn il-konvenut ammetta t-talba b’dan li gie esebit ftehim immarkat Dok. FB2 bejn il-partijiet u li permezz tieghu gie dikjarat li huwa debitur ta’ l-attur fl-ammont ta’ sitt mija tlieta u erbghin euro (€643). L-attur qabel li dan huwa l-ammont dovut lilu.

Fl-istess verbal datat 9 ta’ Frar, 2012 ukoll, il-konvenut iddikjara li huwa kellhu jhallas dan l-ammont ta’ €643 sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Mejju, 2012 u li kien lest li jhallas l-ispejjez tal-kawza basta li t-taxxa tinhadem fuq l-ammont milqugh u cioe ta’ €643;

Ra l-imsemmi verbal tad-9 ta’ Frar, 2012 minfejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Semgha’ x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti rilevanti, u li jirrizultaw mix-xhieda prodotta huma s-segwenti:-

i. L-attur kien jaghmel xi xoghol ta’ daqq ta’ muzika mal-konvenut gewwa l-lukanda Excelsior.

ii. Illi maz-zmien, l-attur ma baqax jaghmel dan ix-xoghol mal-konvenut, u meta gie terminat l-impjieg tieghu, huwa kellu jithallas ammont ta’ flus mill-konvenut.

iii. Fl-ahhar seduta mizmuma quddiem it-Tribunal, u cioe dik tad-9 ta’ Frar, 2012, il-konvenut ammetta li huwa kellu jaghti lill-attur s-somma ta’ sitt mija tlieta u erbghin euro (€643). Ma dan l-ammont qabel ukoll l-attur. Il-

konvenut iddikjara ukoll li huwa kellu jhallas dan l-ammont sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 2012.

Ikkundsidra ulterjorment;

6. Illi in vista ta' din l-ammissjoni t-Tribunal it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-kawza giet ppruvata u li l-ammont dovut, u li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attur huwa ta' sitt mija tlieta u erbghin euro (€643).

7. Illi ftit hemm xi tghid dwar l-eccezzjoni mqanqla mill-konvenut tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur tal-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 u dan in vista ta' l-ammissjoni tat-talba da parti tieghu in parte tat-talba attrici. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

8. L-istess haga dwar it-tieni eccezzjoni tieghu. Irrizulta li hemm ammont dovut u li dan l-ammont huwa ta' €643. Ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut, jichad l-eccezzjonijiet kollha tieghu, inkluz dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16, jilqa t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin euro (€643) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin euro (€643) b'dan illi dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 2012. F'kaz li jghaddi dan iz-zmien u ma jigix saldat il-hlas fl-intier tieghu, allura jkunu dovuti l-imghaxijiet skond il-ligi fuq l-ammont dovut, mid-data ta' din is-sentenza sa l-eventwali hlas.
L-ispejjez, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut ghandhom ikunu sopportati fl-intier taghhom minnu b'dan illi t-taxxa ghandha tinhadem fuq l-ammont ammess u dovut ta' sitt mija tlieta u erbghin euro (€643).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------